DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta' l-14 ta' April 2008

li temenda d-Deċiżjoni 2000/265/KE dwar it-twaqqif ta' regolament finanzjarju li jirregola l-aspetti baġitarji ta' l-amministrazzjoni, mid-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, ta' kuntratti konklużi f'ismu, f'isem ċerti Stati Membri, relatati ma' l-installazzjoni u l-funzjonament ta' l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen, "Sisnet"

(2008/319/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Protokoll li jintegra l-acquis ta' Schengen fil-qafas ta' l-Unjoni Ewropea, anness għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel sentenza tat-tieni subparagrafu ta' l-Artikolu 2(1) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Deputat Segretarju Ġenerali tal-Kunsill ġie awtorizzat mid-Deċiżjoni 1999/870/KE [1] u d-Deċiżjoni 2007/149/KE [2] biex jaġixxi, fil-kuntest ta' l-integrazzjoni ta' l-acquis ta' Schengen fl-Unjoni Ewropea, bħala rappreżentant ta' ċerti Stati Membri għall-iskop li jikkonkludi u jġestixxi kuntratti li jirrigwardaw l-installazzjoni u l-funzjonament ta' l-infrastruttura tal-komunikazzjoni għall-ambjent ta' Schengen (SISNET), sakemm iseħħ l-ispostament tagħha għal infrastruttura ta' komunikazzjoni f'idejn il-Komunità Ewropea.

(2) L-obbligi finanzjarji li joriġinaw minn dawk il-kuntratti jaqgħu taħt baġit speċifiku (minn hawn 'il quddiem 'il-baġit SISNET') li jiffinanzja l-infrastruttura tal-komunikazzjoni msemmija f'dawk id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill.

(3) Il-Konfederazzjoni Svizzera għandha tieħu sehem fid-dispożizzjonijiet ta' l-acquis ta' Schengen relatati mas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen minn data li għandha tiġi stabbilita mill-Kunsill skond l-Artikolu 15(1) tal-Ftehim bejn l-Unjoni Ewropea, il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar l-assoċjazzjoni tal-Konfederazzjoni Svizzera ma' l-implimentazzjoni, l-applikazzjoni u l-iżvilupp ta' l-acquis ta' Schengen [3].

(4) Minn dik id-data 'l quddiem, il-Konfederazzjoni Svizzera għandha tieħu sehem fil-baġit SISNET,

[1] ĠU L 337, 30.12.1999, p. 41.
[2] ĠU L 66, 6.3.2007, p. 19.
[3] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 52.

IDDECIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2000/265/KE [4] hija b'dan emendata kif ġej:

(1) l-Artikolu 25(1) għandu jinbidel b'dan li ġej:

"1. Id-dħul tal-baġit għandu jikkonsisti f'kontributi finanzjarji mill-Istati Membri li ġejjin: l-Awstrija, il-Belġju, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, l-Irlanda, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja, l-Iżvezja, ir-Renju Unit, kif ukoll l-Islanda, in-Norveġja u l-Isvizzera.";

(2) l-Artikolu 26 għandu jinbidel b'dan li ġej:

"*Artikolu 26*

L-Istati msemmija fl-Artikolu 25 għandhom jipprovdu l-kontributi finanzjarji tagħhom lid-Deputat Segretarju Ġenerali.

L-iskala tal-kontributi li għandhom jitħallsu mill-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 25, fuq naħa waħda, u mill-Islanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera, fuq in-naħa l-oħra, għandhom ikunu kkalkulati kull sena abbażi tas-sehem ta' kull Stat Membru kkonċernat u ta' l-Islanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera, fil-prodott gross domestiku (PGD) totali għas-sena preċedenti ta' l-Istati Membri kollha msemmija fl-Artikolu 25. L-iskala ta' kontributi mill-Istati Membri kkonċernati għandha tiġi kkalkolata kull sena, wara li jittieħed kont tal-kontributi ta' l-Islanda, in-Norveġja u l-Iżvizzera, abbażi tal-proporzjon tar-riżorsi tal-VAT imħallsa minn kull wieħed minn dawk l-Istati Membri lit-total ta' riżorsi tal-VAT tal-Komunitajiet Ewropej, kif stabbilit fl-aħħar emenda tal-baġit ta' l-Unjoni matul is-sena finanzjarja preċedenti.

Xejn mill-spejjeż addizzjonali li jirriżultaw mill-estensjoni ta' l-infrastruttura tal-komunikazzjoni lir-Repubblika Ċeka, lill-Estonja, lill-Ungerija, lil-Latvja, lil-Litwanja, lil Malta, lill-Olanda, lill-Polonja, lis-Slovakkja u lis-Slovenja ma għandu jiġu impost fuq l-Irlanda jew fuq ir-Renju Unit.";

[4] ĠU L 85, 6.4.2000, p. 12. Id-Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/155/KE ĠU L 68, 8.3.2007, p. 5.

(3) għandu jiżdied il-paragrafu li ġej ma' l-Artikolu 28:

"4. B'deroga mill-paragrafu 1, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 49, l-Iżvizzera għandha tħallas il-kontribut inizjali tagħha sa l-1 ta' Lulju 2008."

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha jkollha effett mid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Għandha tiġi ppubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmula fil-Lussemburgu, 14 ta' April 2008.

Għall-Kunsill
Il-President
I. JARC